# Trieq jew Triq?

*Ta'* A. CREMONA

Falzon li mexa kelma b'kelma fuq il-*Lexicon* ta' Vassalli f'din il-kelma ġietu daqsxejn ta' reqqa biex iwarrab l-użu komuni tal-kitba tagħha u għalhekk ma ċaħadx l-ortografija tradizzjonali ta' *trieq*, għalkemm fl-istess ħin jiktibha etimoloġikament *triq*. Hlief fil-Vassalli u fil-Fanzon u fil-grammatika ta' Panzavecchia, li mexa fuq l-etimoloġija Għarbija f'bosta kliem, din il-kelma ma ssibhiex miktuba *triq*. Hekk narawha miktuba *trieq* u mhux *triq* fix-xogħlijiet ta' kittieba bħalma huma: Francis Vella, Mamo, Azzopardi (dizzjunarji), Caruana, u Preca, kif ukoll Napuljun Tagliaferro fis-"Sebħ" u f'kitba oħra. B'hekk ma rridx immieri l-etimoloġija tal-kelma. L-aħjar kittieba ta' proża li kitbu fis-seklu ta' qabel, imxew dejjem fuq id-drawwa bla ma qagħdu jfittxu r-reqqa ta' l-etimoloġija tal-kelma, bħalma dlonk issib li għamlu f'għadd mhux ħażin ta' kliem li fil-Malti għal xi raġuni fonetika bidlu l-bini morfoloġiku tal-kelma.

Tassew li fit-TAGĦRIF TAL-KITBA MALTIJA dil-kelma tidher miktuba skond l-etimoloġija tagħha, iżda l-aħjar kittieba, għalkemm imxew, tista' tgħid, mal-*biċċa l-kbira* tar-reguli, biex ma ngħidx mar-reguli kollha tat-TAGĦRIF, f'din, bħal f'xi kliem ieħor li fih ma qablux mat-TAGĦRIF, deħrilhom li għandhom jimxu skond l-użu tradizzjonali. Jien kont l-ewwel wieħed li mejjilt rasi, biex ma ngħaddix ta' intransiġenti u ma ngħarraqx is-suq tal-Malti li dik il-ħabta kellu bżonn min *imexxih* bil-għaqal biex ma jnaffarx lil min kien qed jitħajjar jixxierek magħna fl-appostolat tal-Malti, fil-waqt ukoll li kienet qiegħda tinfetaħ it-trieq għall-Malti bħala lsien uffiċjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern.

Ta' din il-pulitka għandna l-isbaħ mera fil-kitba letterarja ta' l-aħjar kittieba fostna meta diġà bdew joħorġu l-antoloġiji għat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Sekondarji fejn l-ortografija tal-kelma *trieq* għaddiet ma' dawk l-oħra li iktarx jimxu ma' l-użu milli ma' l-etimoloġija, u ta' dan l-isbaħ eżempju nsibuh fil-"*Ward tal-Qari Malti*"—l-Ewwel Ktieb—fejn il-kelma hija dejjem miktuba *trieq* u mhux *triq*.

Kienet iktarx il-pedanterija u intransiġenza ta' xi membru tal-Għaqda (illum Alla jaħfirlu!) li kien dejjem qiegħed b'seba'



għajnejn biex jara li kulħadd jimxi mar-reguli tat-TAGĦRIF, li ħajret lil xi wħud li jiksru d-drawwa tal-kitba *trieq*. Naħseb, madankollu, li kien ikun iżjed ta' fejda għal-letteratura Maltija, kif ukoll għall-ġieh ta' xi espressjonijiet Maltin storiċi u tradizzjonali, li kieku wieħed ħarab ċertu puriżmu u mexa mad-diċitura mexxejja b'interpretazzjoni iżjed storika, milli wieħed intilef fil-kitba tal-kelma *triq* flok *trieq*, u f'irqaqat bħal dawn, "di lana caprina" kif igħid it-Taljan.

L-egħdewwa tal-Malti huma ħafna u, f'dawn id-dwal ta' qamar, ma jaqbilx li bejn kittieb u ieħor, wieħed jissielet fuq ħaġa hekk diskutibbli u metikuluża, li f'ilsna oħra, aktarx kienu jaqtgħuha b'iżjed dehen u sens prattiku.

---

# Recensjonijiet

## "IL-GĦID TAŻ-ŻGĦOŻIJA" ta' Ġorġ Pisani.

Il-ktieb "Il-Għid taż-Żgħożija" jiftaħ bi studju tal-Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Londra), maħdum b'dik il-qawwa ta' pinna li qed tagħmel ġieh mill-akbar lil Ilsienna. F'dan l-istudju tiegħu Aquilina jidħol fil-qalba tal-poeżiji ta' Pisani u jurihomlna fil-ġmiel u l-kobor artistiku tagħhom.

F'dal-ktieb insibu miġbura l-poeżiji kollha ta' Ġorġ Pisani, li juru l-mewġa tal-ħajja, mimlija bi mħabba mħeġġa u bi qtigħ il-qalb, ta' dal-poeta. L-imħabba kienet is-sies li fuqu nbnew il-biċċa l-kbira tal-poeżiji tiegħu, imħabba lejn Għawdex, art twelidu, lejn Malta, lejn l-Ilsien Malti, lejn ħbieb li ħadmu għall-Malti, imħabba lejn "ommna n-Natura"; f'kelma waħda, l-imħabba hu jarraha f'kollox u kullimkien.

Pisani l-ewwel ma beda jagħmel ħoss bħala poeta kien bil-poeżiji tiegħu mibnija fuq suġġetti misluta miż-żmenijiet ta' qabel ma bdiet tinkiteb l-istorja. "F'Ħaġar Qim," "Il-Ġgantija t'Għawdex", u "Għar Dalam" huma tliet ġawhriet tassew sbieħ, l-aktar l-ewwel waħda, fil-letteratura tagħna. Fihom insibu mfissra ħsibijiet għolja, minsuġa tajjeb kemm jista' jkun, maħduma b'kelma ħafifa, b'lehma oriġinali, u f'sura tabilħaqq artistika.

Ma' dawn inqiegħdu poeżiji oħra li jixhdu l-qawwa tal-pinna ta' Pisani. Mhux taqbiliet fiergħa, mġebbda u bla ħajja, imma poeżiji fil-veru sens tal-kelma, qawwija, sħaħ fil-medda tal-ħsibijiet li jħaddnu, kbar fl-ispirazzjoni li tħossha tiġri minn vers għal ieħor u minn poeżija għal oħra. Insemmi tnejn biss "Triqat Mitlufa" u "Il-Għid taż-Żgħożija": it-tnejn jitfgħu bħal dawl fuq in-naħa ġewwiena fil-ħajja tal-poeta. Naraw f'ta' l-ewwel "sħab tal-biża'" tiela' ma' tul it-triq li għażel il-poeta u